***Kunsill Lokali Marsaskala***
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 70**

**L-Erbgħa 18 ta' April 2018**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
Charlot Cassar – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier

**ASSENTI :**
Daniel Spiteri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**70.1** ***<u>Qari tal-ittri ta' apoloġiji:</u>***

**70.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill ma rċieva l-ebda ittra ta' apoloġija.

**70.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 69 tal-15 ta' Marzu 2018:</u>***

**70.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi punt numru 69.2 hemm zball fin-numru tal-laqgħa preċedenti kif ukoll fid-data u allura għandha tinbidel u tinqara kif ġej:

***'Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 68 tal-15 ta' Frar 2018'***

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 1 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**70.2.2** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet fuq punt numru 69.7.5 paġna 6 u staqsiet jekk il-Kunsill għandux aktar informazzjoni dwar din l-attivita ta' *Solar cinema Valletta 2018.*

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s-Sindku ltaqa ma' minn ser jorganizza din l-attivita' u din l-attivita ser issir fis-26 ta' Ġunju 2018 u għandha ssir fuq is-simenta faċċata tal-knisja.

**70.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq punt numru 69.7.2 paġna 5 u qal illi hemm l-injam imwaħħal mar-railing fejn hemm l-entratura tal-waterpolo pitch u staqsa jekk hux ser jibqa hemm.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Kunsill ġie zgwidat bl-informazzjoni li ġiet mgħoddija lilu mis-sidien il-ġodda tal-waterpolo pitch. Kompla jgħid illi minħabba li twaħħal dan l-injam mar-railing ġiet mgħottija l-vizibilita' u bħala Kunsillier ma kienx mgħarraf b'dan fl-ittra li ntbgħatet lill-Kunsill u jħoss illi l-Kunsill m'għandux jidher li kien jaf b'dan u approvah.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ma hemm l-ebda applikazzjoni mal-Planning Authority.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fejn marru l-bankijiet li kien hemm fuq il-pitch.

Is-Sindku qal illi l-bankijiet ġew restawrati u tqiegħdu ġo Ġnien Sant' Anna u dan wara li kkonsulta miegħu. Huwa kompla jgħid illi dan huwa spjegat kollu fl-email li kien hemm minn naħa tal-President tal-*water polo pitch.*

Kien hemm qbil illi l-bankijiet li nqalgħu min Ġnien Zonqor ngħamluhom bil-ħadid u npoġġuhom fuq is-saqaf tal-pitch.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk jistgħux jitpoġġew aktar bankijiet simili quddiem Lukaya flats fi Triq iz-Zonqor għaliex li hemm fil-prezent huma ta' l-injam b'hekk jiġu kollha pariġġ.

Is-Sindku qal illi hemm ukoll bzonn ta' seba bankijiet oħra fil-Bajja San Tumas sabiex ma jkunx hemm min jipparkja mall-moll.

Ġie deċiz li jsiru total ta' seba bankijiet li jitqiegħdu erba fuq is-saqaf tal-piċċ filwaqt li tlieta jitqiegħdu quddiem Lukaya flats. Il-bankijiet li jinqalgħu, jitqiegħdu fiz-zona ta' San Tumas.

Kin hemm qbil li jsiru bankijiet għal Zonqor u Bajja San Tumas.

**70.2.4** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 3 puntu 69.2.4 meta ser jibda u jispiċċa x-xogħol fil-bandli taz-Zonqor.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi d-data tal-bidu tax-xogħol tibda wara li niltaqgħu mall-Perit u l-Kuntrattur, hu qal illi din il-laqgħa saret u x-xogħol ser jibda Nhar it-Tnejn 23 t'April 2018 u ser jibda bil-hoarding. Is-Segretarju Ezekuttiv kompla jgħid illi Nhar it-Tnejn ukoll ser jibda x-xogħol fuq it-tapit tal-Bandli Mifsud Bonniċi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Kuntratturi qed iwaqqgħu lill-Kunsill għaċ-ċajt għaliex fil-kuntratt kien hemm imnizzel illi ġimgħatejn wara li jingħata t-tender għandu jibda x-xogħol.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kuntrattur ma pprovdix il-performance bond saz-zmien stipolat.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi għandna niċċekjaw mad-Dipartiment tal-kuntratti jekk nistgħux naċċettaw l-*performance bond* wara z-zmien stipolat.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa jekk hemmx lok li nibgħatulu ittra b'avukat.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi meta hu ltaqa mal-Kuntrattur fuq il-post ġimgħatejn ilu fil-presenza tal-perit tal-Kunsill hu ssikka lill-kuntrattur biz-zmien u tah l-impressjoni li jrid jaħdem u ma jaħsibx li hu lok li nwaqqgħawlu l-kuntratt.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Periti ilna niltaqgħu magħhom u kienu jafu meta għandu jibda x-xogħol u suppost il-bandli kellu jitlesta sa Mejju u qegħdin fl-aħħar ta' April u x-xogħol għadu lanqas biss beda.

**70.2.5** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq punt numru 69.3.5 paġna 3 x'għamel il-Kunsill fuq din l-applikazzjoni.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu tefa l-oġġezzjoni għan-nom tal-Kunsill u jidher illi sid il-ħanut tefa permess ġdid sabiex jagħlaq il-parti l-miftuħa li fadal ta' quddiem il-ġibjun għaliex għal canopy l-oħra hu għandu permess tagħha għaliex kieku l-applikazzjoni tkun *'to sanction'*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi dik l-area hija green area fuq is-South Local Plan u allura hemm zball għaliex fejn hemm il-ġibjun suppost hija art pubblika.

Is-Sindku qal illi dik l-area mhijiex pubblika.

Kien hemm qbil illi fl-oġġezzjoni għal applikazzjoni nzidu ukoll illi fis-*South Local Plans* l-area fejn sid il-ħanut irid li jagħlaq qiegħda mnizzla bħala *green area*.

**70.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 6 artiklu 69,7,4 rigward is-Sensi kiosk għaliex kien hemm zball fid-data li ingħatat lill-Kunsill meta ser isir is-smiegħ tal-appell u staqsa jekk il-Kunsill ġiex mogħti l-informazzjoni korretta.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din l-applikazzjoni ilha għaddejja mil-2013 u kien hemm proċess twil fit-tribunal tal-appell. Is-Segretarju Ezekuttiv kompla jgid illi hu bagħat korrispondenza sabiex jindikawlu ċar meta hi d-data tas-smiegħ pero għadu ma rċieva xejn.

Kien hemm qbil unanimu illi nibgħatu reminder ieħor.

**70.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq puntu 69.7.3 paġna 5 jekk is-sid tal-karozza reġgħax bagħat xi ittra lura lill-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi sid il-karozza ġie jiltaqa miegħu fl-uffiċċju u hu qallu illi jekk irid jista jikklejmja għat-*tyre* u għar-*rim* pero' mhux għas-*shock absorber*, xaftijiet u affarijiet li jmorru bil-*wear and tear* tal-karozza.

Is-Sindku qal illi daqt ngħalqu sena mill-inċident li kien sar fi Triq il-Qaliet fejn tkissret il-*bus shelter* u sal-lum għadha ma tranġatx.

Kien hemm qbil unanimu li nibgħatu lil-*faces* u nfakkruhom b'din il-*bus shelter* li tinsab fi Triq il-Qaliet ma ġenb Ġnien San Tumas.

**70.2.8** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq punt numru 69,3,2 paġna 3 u qal illi kien hemm wirja tal-Ġimgħa l-kbira u hu ma kienx informat b'din l-istedina.

Is-Segretarju Ezekuttiv informah illi din l-attivita' kienet imħabbra fil-laqgħa tal-Kunsill preċedenti fejn hu ma kienx prezenti u min naħa tas-Soċjeta Muzikali Sant'Anna bgħatu email fejn informaw lill-Kunsill b'din l-attivita' li bi zvista ma ntbgħatitx lill-Kunsilliera.

**70.2.9** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq punt 69.3.3 paġna 3 minn liema sa liema naħa ser jinbidel l-isem tat-triq.

Is-Segretarju Ezekuttiv informah illi l-Kunsill applika għal isem ġdid mil-ħarruba sal-parti ta' ġewwa ta' triq.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-Kunsill kien talab lit-TM sabiex tinfetaħ din it-triq u issa jekk din tinfetaħ ser tiġi triq b'zewġ ismijiet.

Is-Sindku qal illi mhux ser joqogħodu jistennew sakemm it-TM tiddeċiedi li tiftaħ it-triq meta it-triq tinfetaħ imbagħad jittranġa l-isem.

**70.2.10** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq punt 69.3.7 paġna 4 rigward r-*rubber matting* ta' Pjazza Mifsud Bonnici.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi mit-Tnejn 23 ta' April 2018 ser jinqala t-tapit tan-naħa l-kbira u li għad fadal tajjeb ser jitpoġġa fejn hemm bzonn.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi meta kellu laqgħa mal-Perit ġewwa z-Zonqor kien tkellem miegħu rigward il-madum tal-konkos li jista jinqala u ma jitnremix u l-kuntrattur kien qallu illi lest li jaqilgħu u jġorru fejn iridu l-Kunsill.

Kompla jgħid illi tajjeb nsibu post fejn nistgħu nqiegħdu dawn il-*pallets* bil-madum u ma jintremiex. Is-Sindku zied jgħid illi jekk forsi nitkellmu mal-Wasteserv u jkunu jistgħu joffrulna area zgħira fejn nqedu bejn wieħed u ieħor tmien *pallets* bil-madum.

Kien hemm qbil unanimu illi nsibu post addatat fejn nqedu dan il-madum.

**70.2.11** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 artiklu 69,7,2 fejn il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm bzonn li jinbiddlu l-bozzoz tal-fanali ta' Triq iz-Zonqor għax hemm ħafna maqtugħin. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri rrisponda illi ir-*refurbishment* fid-dwal ta' Zonqor għadhom għaddejjien pero' għandhom jitlesstew sas-sajf.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ħareġ mil-laqgħa fis-19:06.***

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-fustun għadu ma sarx.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi sa din il-ġimgħa kien għadu f'kuntatti mal-MTA pero jidher li kollu għalxejn.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi d-dawl tal-fustun qiegħed għaddej min naħa għal l-oħra sabiex kif isir ġdid ngħolluh aktar il-fuq speċjalment wara d-dizgrazzja li saret fiz-Zurrieq.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-wire tal-fustun għandu jitneħħa u jgħaddi mad-distribution box li ser issir bejn il-kamra tal-baħħara u s-sajjieda u l-pole u ħa jkun hemm main switch komplut kif ukoll outlet tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi meta ltaqaw mal-Perit fi Ġnien Zonqor tkellem magħħa rigward pole tad-dawl li hemm bzonn jitmexxa minn ġol-ġnien. Hu tkellem mal-engineer Zerafa u teknikament jista jitneħħa u jsir feeder u jitla mal-appoġġ tal-bini pero irid jitkellem mar-residenti l-ewwel u jekk dawn jaċċettaw ikun jista jsir b'dan il-mod.

Il-Kunsill qabel illi jitneħħa l-pole tad-dawl u jsir kif propost mal-appoġġ tal-bini la darba r-residenti ma jsibux problema.

**70.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**70.3.1** ***<u>Rikjesta għal traffic light u sleeping policeman ħdejn is-sala tal-knisja:</u>***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi z-zebra crossing trid tonqos billi issir build out u wera l-Kunsill kif kienet ġiet proposta fil-Kunsill qabel.

Sar qbil unanimu illi nqabbdu l-Perit sabiex japplika il-proposta tal-passat fuq iz-zebra crossing u mat-Transport Malta u jekk jinħareġ il-permess tiġi applikata.

**70.3.2** ***<u>Attivita Arti fil-beraħ:</u>***

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Għaqda Muzikali Sant Anna bagħtet korrispondenza lill-Kunsill illi ser torganizza l-attivita ta' Arti fil-beraħ u qed jipproponu illi jagħlqu nofs it-triq ta' quddiem il-knisja pero wara li tkellem is-Sindku magħhom intlaħaq qbil illi t-triq ma tingħalaqx.

Kien hemm qbil unanimu illi l-attivita’ issir pero t-triq ma tingħalaqx.

**70.3.3** ***<u>Ħatra ta’ persuna biex jirraprezenta l-Kunsill fil-bord tal-PA:</u>***

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi waqt l-applikazzjonijiet il-kbar tal-Planning Authority għandu jkun hemm rapprezentant mil-Kunsill sabiex jattendi għal dawn is-seduti, kompla jgħid illi jekk xi ħadd mill-Kunsilliera hu interessat ser isiru korsijiet tul is-sajf kollu bħala programm ta’ ezerċizzju.

Kien hemm qbil unanimu illi l-persuna maħtura sabiex tirraprezenta lill-Kunsill fil-bord tal-PA ikun is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech.

**70.3.4** ***<u>Robotica training course TCTC:</u>***

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi reġa għadda l-korrispondenza dwar l-kors tar-robotica tat-TCTC għaliex kien hemm xi zviluppi hu qal illi hemm zewġ opzjonijiet wieħed li jkun hemm il-kors tar-*robotica* fejn il-Kunsill iħallas l-ammont €1165 bħas-soltu jew inkella jkun hemm xorta l-kors tar-*robotica* flimkien ma’ kors tal-*coding* u l-Kunsill iħallas €2000 pero ħarġet skema tal-Gvern fejn nistgħu napplikaw għaliha u l-Kunsill jieħu l-€2000 lura.

Kien hemm qbil illi naċċettaw illi nagħmlu l-kors tar-robotica flimkien mal-kors tal-coding u napplikaw għal-iskema u naċċettaw biss residenti mil-Lokal ta’ Marsaskala imbagħad jekk ikun jifdal xi postijiet ndaħħlu nies minn lokalitajiet oħra.

**70.3.5** ***<u>Filmati tal-Lokalita’ bid-drone:</u>***

Is-Sindku qal illi tkellem mas-Sur Archer fejn dan il-persuna jagħmel filmati professjonali bid-drone u bħal ma nagħmlu f’kull attivita’ fejn ikollna persuna tieħu ritratti tal-avveniment dan ikun jista jieħu filmati  għal prezz ta €100 għal kull darba.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree’ Attard qalet illi fl-email qed jgħid illi trid tibbukja minn tal-inqas għaxar events.

Is-Sindku qal illi lilu qallu li mhux marbutin li nibbukjaw miegħu għaxar darbiet.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għal-attivita’ tal-Karnival irridu nqabdu insurance ghalih u jsir risk assesment audit minn qabel.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi li importanti li s-Sur Archer jurina l-liċenzja li suppost għandu jekk ser jgħaddi fuq in-nies.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan irid jgħaddi mir-risk assessment l-ewwel.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jaqbel li ssir pero’ tajjeb li naraw offerti mingħand persuni oħra li joffru dan is-servizz.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-filmat minn fuq biss ma jkunx bizzejjed biex joħroġ effett sabiħ tal-filmat irid ikun hemm ukoll filmat umbgħat jiġi amalgamat.

Kien hemm qbil illi niltaqgħu mas-Sur Archer sabiex niċċaraw diversi affarijiet fosthom il-liċenzja, prezz u li ma jintuzax biss id-drone min fuq.

**70.4** ***Tweġibiet għal-mistoqsijiet tal-Kunsilliera:***

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**70.5** ***Approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart Jannar sa Marzu 2018:***

Is-Segretarju Eekuttiv spjega r-rapport lill-Kunsilliera.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**70.6** ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***

**70.6.1** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fi Triq il-Qaliet qed ikun hemm ħafna storbju u ġlied ġo bar li jinsab f'din it-triq fejn qed ikun hemm ħafna storbju sa ħinijiet kmieni ta' filgħodu, barra minn hekk qed ikun hemm hawker ibiegħ l-ikel ħdejn Villa Sant Anna u ma nafux jekk dan għandux permess.

Is-Sindku qal illi dan huwa minnu u hu kemm il-darba ċempel lill-Pulizija u rrapporta l-istorbju u ġlied li jkun hemm u dawn jiġu mill-ewwel.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi n-nies li tkellmu miegħu qalulu illi meta jċemplu lill-Pulizija ġieli jkun hemm kazi li jdumu siegħa sakemm jiġu fuq il-post.

Kien hemm qbil unanimu illi nistiednu lis-Supretindent Geoffrey Azzopardi għal laqgħa tal-Kunsill li jmiss sabiex niddiskutu miegħu diversi punti inkluz din il-problema fi Triq il-Qaliet.

**70.6.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi qed ikun hawn problema kbira bil-karozzi ipparkjati fil-kantunieri u quddiem garaxxijiet tan-nies fejn qed joħolqu ostaklu lin-nies li jkunu jridu joħorġu mill-garaxxijiet tagħhom.

Giet diskussa l-problema tal-parkeġġi f'Marsaskala.

Kien hemm qbil li niddiskutu dan il-punt mas-Supretindent Azzopardi fil-laqgħa li jmiss.

**70.6.3** Is-Sindku informa lill-Kunsill illi ser isir kunċert fis- 6 ta' Lulju u ser ikun hawn il-band ta' William Mangion fejn dawn qed jitolbu €1000 inkluż l-istage u d-dawl, kif ukoll qed jaħsbu sabiex il-kunċert tal-Milied ta' din is-sena jkun ftit differenti u jkollna kunċert mis-Sur Joseph Lija li huwa tenur baritonu u li studja l-muzika barra ġewwa r-Russja.

Huwa zied jgħid illi dan ser ikollu miegħu 13-il vjolinist. B`hekk minkejja li ser ikun kunċert professjonli ser jiswa ftit mhux ħazin ukoll.

Is-Sindku qal illi tajjeb li tajjeb nitolbu ftit għajnuna finanzjarja mill-Ministeru tal-Kultura.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**70.6.4** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab li issir parti minn Triq La Sengle għaliex il-Kunsilli iridu jibqgħu jirranġaw t-toroq għalkemm hemm l-aġenzija.

Kien hemm qbil unanimu li ssir parti minn Triq La Sengle bil-kuntrattur tal-Kunsill.

**70.7** ***Korrispondenza:***

**70.7.1** ***Kwotazzjoni għal dawl tal-fustun fi Triq ix-Xatt (35/1017/18/O)***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Kunsill għandu jkollu l-ammont tal-ispiza finali għaliex fil-kwotazzjoni li għandha mhux indikat ċar ezempju hemm mnizzel illi jekk isiru aktar ġonot irridu nħallsu €25 għal kull ġonta.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-kwotazzjoni hija ċara pero ċertu ċirkustanzi ma jkollokx kontroll fuqhom u jekk ser ikun hemm xi diskrepanza fl-ammont dan ħa jkun minimu ħafna. Kompla jgħid illi l-kwotazzjoni li għandha kienet valida biss għal 30 ġurnata u issa għaddha ħafna aktar zmien minn hekk u trid terġa tiġi ikkonfermata.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu prova l-bozza 1 watt li hemm mnizzla fil-kwotazzjoni pero jaħseb li hija baxxa wisq.

Kien hemm qbil unanimu illi nitkellmu man-Nexos u naraw jekk il-kwotazzjoni għadiex valida b'dawk il-prezzijiet u nitolbu kwotazzjoni għal lampa 2 watts minflok 1 watt u jtina sample tal-bozza.

**70.7.2** ***Informazzjoni dwar l-ispejjez involuti sabiex tinbidel il-Bianca fi Ġnien Sant'Anna (35/1019/18/0):***

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rċivejna kwotazzjoni mil-ELC sabiex tinbidel il-Bianca fi Ġnien Sant'Anna

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-ELC tawna indikazzjoni ta' stima sabiex ineħħu l-Bianca u minflok ngħamlu l-metresideros għaliex l-Bianca qed tmut kollha u skond l-area li hemm l-ammont ser jitla għal €10000 kompla jgħid illi fejn hemm il-hedge ta' mal-ġenb ser titneħħa u jibdew jiziraw fin-nofs sabiex ma jkunx hemm serq ta dawn is-siġar. L-uniku post li hu daqsxejn miftuħ ser jinqala u jsir railing. Il-bankijiet tal-ħadid li hemm mhumiex komdi u ghalhekk ser nibdew nieħdu minnhom u nbidluhom ftit ftit.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi Triq Apap Bologna hemm tlett ħarrubiet mejta fis-soft area u resident avviċina lill-Kunsillier s-Sur John B Camilleri u qallu li lest jagħti tlett siġar taċ-ċitru biex isiru flokhom.

Il-Kunsill qabel unanimament filwaqt li irringrazzja lil dan ir-resident ta' dawn is-siġar.

**70.7.3** ***Reġistrazzjoni għal-iskema WIFIEU:***

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali bagħat applikazzjoni lill-Kunsill għal skema sabiex isir WIFI fejn m'hemmx fil-ġonna u l-playingfields fil-lokal.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi għandna napplikaw għal wifi fi Ġnien Sant'Anna

Il-Kunsill qabel unanimament.

**70.7.4** ***Risposta mill-Perit rigward l-applikazzjoni ta' Ġnien San Tommaso (35/0998/18/0):***

Dan il-punt ġie diskuss diġa f'punt numru 70.2.5.

**70.7.5** ***Diskussjoni mir-reġjun Xlokk rigward risposta definittiva li għandhom bzonn mill-Kunsill biex jaraw jekk irridux nissieħbu biex tinħareġ sejħa għall-offeti għad-dawl tat-toroq (35/0943/18/I):***

Is-Segretarju S-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill mhuwiex qiegħed fir-Reġjun tad-dawl u skond il-liġi tista tidħol f'kumitat konġunt jew fir-Reġjun u l-Kunsill jinsab fil-kumitat konġunt. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi diġa bagħtilhom illi l-Kunsill diġa qiegħed f'kumitat konġunt pero nixtieq li jħallulna l-bieb miftuħ għal futur għal possibilita' li nidħlu mar-Reġjun.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fl-email fl-ewwel punt jitkellem fuq skema ta' fondi għall-għoti ta' tarmak.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill kien applika għal din l-iskema wara li għamilna bi €8000 tarmak fil-lokal pero r-Reġjun baqa ma tagħna l-ebda flus lura u probabli li m'aħniex ser noħduhom minħabba li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kienu allokaw dawn il-flus lir-Reġjun bi zball.

**70.7.6** ***Bzonn ta' sejħa għall assistant Principal:***

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill għandu bzonn joħroġ sejħa għal Assistent Principal ġewwa l-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu.

**70.8** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:***

**70.8.1** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa rigward pagament numru 5576 u qal illi t-tneħħija tal-BIS imkissrin konna għedna li ser nqabbdu l-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jarmuhom huma.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi meta iċċekkja kemm tiġi tiswina biex ineħħuhom il-ħaddiema tagħna kienet ser tiġi tiswina l-istess minħabba li xorta ridna lil xi ħadd biex jarmi d-domes.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dawk li qed jitneħħew mhux qed jittpoġġu oħrajn flokom.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi għanda tkun xi ħaġa loġistika u naraw x'ħa nzommu u x'ħa nneħħu.

70.8.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fi tlett xhur il-Kuntrattur Saviour Mifsud għadu ma bagħtilna l-ebda invoice, kompla jgħid illi l-ħaddiema tiegħu qed jibdew fis-7:00am u fl-10:15am ikunu diġa l-ġnien, u allura qed jagħmlu biss tlett siegħat xogħol kuljum. Is-Sur Ciantar qal illi hu għamel bott fi Triq ir-Riġnu u ma tneħħiex apparti min hekk Triq il-Blajjiet ilha ma tinkines tlett ġimgħat.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kuntratt jgħid illi suppost il-ħin minimu li għandhom jagħmlu l-ħaddiema huwa ta erba siegħat l-importanti li jagħmlu t-toroq kollha skond il-programm tax-xogħol stipolat fl-istess kuntratt.

Il-Kunsill qabel illi tintbgħat ittra lis-Sur Saviour Mifsud bin-nuqqasijiet li qed ikun hawn.

***l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ipproponiet l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**70.9** ***Mozzjonijiet:***

**70.9.1 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri u ssekondata mis-Sur Charlot Mifsud (167-16-3-18):**

*"Jipproponi li l-Kunsill jagħmel talba kemm jistgħa jkun malajr sabiex it-triq l-antika bejn Ħaz Zabbar u Marsaskala tkun imdaħħla fil-lista tat-toroq li jridu jsiru min unit li ġiet imwaqqfa."*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi Triq Ħaz Zabbar u Triq San Ġwakkin iktar minn 75% tagħha hija mkissra u hija taħr ir-responsabilita' tal-Gvern sabiex issir.

Kien hemm qbil unanimu illi nibgħatu l-aġenzija dwar dan.

**70.9.2 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (168-16-3-18):**

*"Jipproponi illi fi Triq Wied iz-Ziju jiġu installati aktar crash barriers."*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-parti ħdejn Frate Jacoba għandhom isiru *crash barriers* kif ukoll ħdejn il-Wasteserv. 20 metru fejn iridu isiru *crash barriers.*

Kien hemm qbil unanimu.

**70.9.3 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri u ssekondata mis-Sur Charlot Mifsud (169-16-3-18):**

*"Jipproponi illi fi Triq Wied iz-Ziju tiġi nstallata traffic mirror għal min ikun ħiereġ min FRATE JAKOBA għax hi ta' periklu biex toħroġ."*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għandha issir traffic mirror fi Triq Wied iz-Ziju għaliex qeda ta periklu, zied jgħid illi hemm bzonn ukoll ta' waħda fi Triq San Franġisk.

Kien hemm qbil unanimu li jsiru zewġ mirja fi Triq Wied iz-Ziju u Triq San Franġisk.

**70.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 21 ta' Mejju 2018 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 18 ta' April 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |